MCCAA
MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

NINVESTU FIL-FUTUR TIEGĦEK
FOND SOĊJALI EWROPEW
MALTA 2007-2013

# L-Għażla

Rivista ta' tagħrif għall-konsumatur

MARZU 2015- ĦARĠA NRU 07



## Ix-xiri bl-internet 14

## Is-servizzi tal-periti 16

# Il-Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Konsumatur 13

ŻUR IS-SIT ELETTRONIKU TAL-MCCAA
www.mccaa.org.mt

# L-Għażla

Rivista ta' tagħrif għall-konsumatur


03 Messaġġ mill-Ministru l-Onor. Dr Helena Dalli

04 Fiduċja fil-kummerċjant

05 Twissijiet dwar prodotti

06 Gwida fuq kif isir ilment

08 Il-każ

10 Id-dieta Mediterranja

11 Ir-reġistrazzjoni tal-lifts

13 Il-Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Konsumatur

14 Ix-xiri bl-internet

16 Il-Kamra tal-Periti

18 Il-paġna tat-tfal

19 L-effetti tal-bexx fuq is-saħħa tal-bniedem

20 Il-ħidma tad-Direttorat tal-Infurzar

21 Il-biedja organika

22 Il-ftehim esklussiv tad-distribuzzjoni

23 It-tikkettar tal-ikel

24 Numri utli għall-konsumaturi



**MARZU 2015- ĦARĠA NRU 07**



## Editur

Joyce Borg

## Bord Editorjali

Marcel Pizzuto
Godwin Mangion
Joyce Borg
Michael Cassar
Odette Vella



Ittri jistgħu jintbagħtu bil-posta lil Joyce Borg, Editur **L-Għażla, L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, Mizzi House, Triq Nazzjonali, Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010** jew fl-indirizz elettroniku **joyce.a.borg@mccaa.org.mt**


L-ittri għandu jkollhom l-isem u l-indirizz ta' min jibgħathom u ma jistgħux ikunu itwal minn 120 kelma. L-editur iżżomm id-dritt li tqassar kull ittra, mingħajr ma jinbidel il-kontenut.

L-iskop tal-artikli ta' din ir-rivista huwa biss li jipprovdi informazzjoni u mhux li jagħti parir legali. F'każ ta' ilment jew bżonn ta' iktar tagħrif, il-qarrej jista' jikkuntattja lill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, mingħajr ħlas, fuq il-linja **80074400**.

# Il-Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Konsumatur

## 15 ta' Marzu 2015

Din is-sena l-*Consumers International* għażlet it-tema *Healthy Diets* għal Jum il-Konsumaturi



***Helena Dalli***
***Ministru għad-Djalogu Soċjali, l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Libertajiet Ċivili***

Wieħed mit-tmin drittijiet tal-konsumaturi huwa d-dritt għall-bżonnijiet bażiċi, li l-bnedmin għandu jkollhom aċċess għal: ikel bnin, ħwejjeġ, kenn, kura medika, edukazzjoni u servizzi sanitarji.

Il-konsumaturi mhux biss għandhom dritt għall-ikel, imma dan l-ikel irid ikun tajjeb għas-saħħa. Kundizzjonijiet bħad-dijabete, flimkien ma' ċertu mard tal-kanċer, huma fattur prinċipali fil-kriżi internazzjonali għas-saħħa pubblika.

Il-Kummissjoni tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa dwar id-Determinanti Soċjali tas-Saħħa kienet ikkonkludiet li għandha tingħata attenzjoni speċifika fuq is-sitwazzjoni soċjali tal-individwu f'dawk li huma, pereżempju, l-impjieg, il-finanzi u l-livell ta' edukazzjoni.

B'hekk naraw humiex affettwati l-opportunitajiet tan-nies biex jagħmlu għażliet tajbin għas-saħħa tagħhom.


Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Konsumatur '15

DIETA TAJBA GĦAS-SAĦĦA

Attività għall-familja kollha

**Data:** *Is-Sibt 14 ta' Marzu 2015*
**Post:** *Galleria Shopping and Entertainment Centre, Fgura*
**Ħin:** 9:30 a.m. – 2:00 p.m.

***Tagħrif dwar...***
** id-drittijiet tal-konsumatur * ikel tajjeb għas-saħħa*
** is-sigurtà tal-prodotti * id-drittijiet tiegħek meta tixtri prodotti minn barra*

***Divertiment għat-tfal...***
** face painting * balloon modelling * animators*
** wirja bil-pupazzi dwar l-għażla f'dieta tajba għas-saħħa*

***Ejja ddeverti u agħraf drittijietek! Dħul b'xejn!***

MCCAA
MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

# Fiduċja fil-kummerċjant

In-numru ta' intrapriżi li jaqblu mal-kodiċi ta' etika mfassal mill-Awtorità u li l-applikazzjoni tagħhom intlaqgħet, kulma jmur qed jiżdied. L-għan ta' din l-iskema huwa li l-konsumaturi jkunu jistgħu jserrħu rashom meta jixtru xi prodott jew jieħdu xi servizz mingħand min qed jipparteċipa fl-iskema ta' fiduċja *Trust You*. Ta' min jinnota li kull sena din l-iskema tiġi mġedda wara li jkunu saru spezzjonijiet biex jiġi aċċertat li dawn l-intrapriżi baqgħu jimxu mal-kodiċi ta' etika. Hawn taħt tidher il-lista ta' parteċipanti mġedda sa Frar 2015.

**AllCare Insurance Company**
L-Imsida

**Alsons**
Il-Belt Valletta

**Anthony Preca Jewellers**
Il-Belt Valletta

**Arkadia Foodstore**
San Ġiljan, Arkadia Comercial Centre, ir-Rabat, Għawdex

**Art At Home**
Ħ'Attard

**Artech**
Birkirkara

**A to Z Electronics**
Attard; Pavi Shopping Complex, Qormi

**Ave Maria Jewellers**
Il-Belt Valletta

**Bargate Bookshop**
Ir-Rabat, Għawdex

**Bayleys**
San Ġwann; Il-Belt Valletta

**Bedding and Upholstery**
Il-Ħamrun

**Big Ben**
Birkirkara

**Boulevard**
Arkadia Commercial Centre, ir-Rabat, Għawdex

**BR Guest**
Birkirkara

**C Moda**
Tas-Sliema; il-Mosta

**Calliope**
Tignè Point, Tas-Sliema; San Ġiljan

**Centro Moda**
Il-Ħamrun; il-Mosta

**Chateau D' Ax**
Santa Venera

**City Jewellers**
Il-Belt Valletta

**Conimex**
Ħaż-Żabbar; Ħ'Attard; Birkirkara

**Debbie's Baby Centre**
Iż-Żejtun

**Debenhams**
Main Street Shopping Comlex, Raħal Ġdid; The Point Shopping Mall, Tignè Point, tas-Sliema

**Elektra**
Ħal Qormi

**Exit**
Il-Belt Valletta

**Fashion Dept**
Arkadia Commercial Centre, ir-Rabat, Għawdex

**Fino**
Santa Venera

**Flock Images Co Ltd**
San Pawl il-Baħar

**Forestals**
Il-Belt Valletta, l-Imrieħel

**Francis Meli Jewellers**
Il-Belt Valletta

**Furniture & Furniturings**
Ir-Rabat, Għawdex

**Gauda**
Ħamrun, Ir-Rabat, Għawdex

**Gio Battia Delia**
Il-Belt Valletta

**Homemate**
L-Imrieħel

**Honey and More**
Il-Mosta

**ICS Ltd**
Ir-Rabat, Għawdex

**Intercomp**
Il-Marsa

**J Azzopardi Jewellers**
Il-Belt Valletta

**Jane Norman**
Il-Belt Valletta; tas-Sliema

**Jeanine**
Tas-Sliema

**King Shoe Shop**
San Ġiljan; il-Belt Valletta; Tiġrija Palazz, ir-Rabat, Għawdex

**Ladders Baby Shop**
Il-Belt Valletta

**Landau**
Birkirkara

**List Roma**
Plaza Shoping Complex, The Point, Sliema

**M Vintage**
Raħal Ġdid; Tignè Point, tas-Sliema

**Malta international Training centre**
L-Imrieħel

**Matrix**
The Point Shopping Mall, Tignè point, tas-Sliema; Baystreet Shopping Complex, San Ġiljan; Il-Belt Valletta; Tas-Sliema; Main Street Shopping Complex, Raħal Ġdid; SkyParks, l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ħal-Luqa

**Ms Sixty**
Il-Belt Valletta; tas-Sliema

**MSV Life**
Il-Furjana

**Nectar group**
Ta' Qali

**Nine West**
The Point, tas-Sliema

**Novelty**
Il-Belt Valletta

**Oasis**
Tas- Sliema; il-Belt Valletta

**Orsay**
Il-Belt Valletta; Birkirkara

**Parfois**
Il-Belt Valletta; Arkadia Commercial Centre, ir-Rabat, Għawdex

**Paul Stationery**
Il-Mosta

**Pavi**
Ħal Qormi

**Peacocks**
Il-Belt Valletta

**Pearl**
Arkadia Commercial Centre, ir-Rabat, Għawdex

**Piazza Italia**
Arkadia Comercial Centre, ir- Rabat, Għawdex; Birkirkara; The Point Shopping Mall, tas-Sliema

**Portugese**
L-Imrieħel, Birkirkara

**Smart Supermarket**
Birkirkara

**Suite Blanco**
Arkadia Comercial Centre, Ir-Rabat, Għawdex; The Plaza Shopping Centre, tas-Sliema

**Tape A, L'oeil**
Birkirkara

**Temprina**
Ir-Rabat, Għawdex

**Terranova**
Paola; St Julian's; Tignè Point; il- Belt Valletta; Santa Venera

**Tescoma**
Tal-Pietà

**The Atrium**
L-Imrieħel

**The Curtain Shop**
Ir-Rabat, Għawdex

**The Sevens**
Il-Ħamrun

**Tower Shoes**
Tas-Sliema

**Triolgy**
Armani Jeans, Tignè Point, tas-Sliema; Hilfiger Denim, Tignè Point, tas-Sliema; Tommy Hilfiger, Baystreet Complex, San Ġiljan; Armani Jeans, Baystreet Complex, San Ġiljan

**Tutto Casa**
Ir-Rabat, Għawdex

**Underground**
Il-Belt Valletta

**Urban Jungle**
Arkadia Commercial Centre, ir-Rabat, Għawdex

**Vassallo Jewellers - Independence Square**
Ir-Rabat, Għawdex

**VCT Ltd.**
Mosta

**Vee Gee Bee**
San Ġwann; il-Belt Valletta

**Ventura**
Iż-Żejtun

**Vigos**
Il-Belt Valletta

**Vodafone**
Raħal Ġdid; l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ħal-Luqa; Ir-Rabat, Għawdex; Il-Mosta; San Ġiljan; Bisazza Str, tas-Sliema; Ħaż-Żebbug, Il-Ħamrun

**Vodafone Retail Store**
Birkirkara; Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta

**White Shop**
Il-Belt Valletta

**Zsa Zsa**
Il-Belt Valletta

# Twissijiet dwar prodotti





- **Kategorija:** Apparat u għodda elettronika
- **Prodott:** Joqtol l-insetti
- **Marka:** Mhix magħrufa
- **Isem:** Prodott li joqtol l-insetti u li jista' jerġa' jiġi ċċarġjat
- **Deskrizzjoni:** Prodott li jixxokkja l-insetti, b'forma ta' pala żgħira tal-*badminton*, b'xibka metallika li tintuża biex tagħti xokk lill-insetti. Ippakkjat fil-*foil*. Miegħu jiġi wkoll charger.
- **Pajjiż tal-oriġini:** Iċ-Ċina
- **Periklu**: Tista' tieħu xokk elettriku

Il-pinnijiet taċ-*charger* huma rqaq ħafna u jistgħu jinkisru malajr meta jiddaħħlu fil-plakka. Barra minn hekk, m'għandhomx *insulator*. Il-prodott mhuwiex konformi mad-Direttiva ta' Vultaġġ Baxx u mal-Istandard Relevanti Ewropew IEC 60884.

- **Kategorija:** Kożmetiċi
- **Prodott:** Prodott li jiċċara l-ġilda
- **Marka:** Sivop
- **Isem:** Sivoclair Crème éclaircissante (Krema li tiċċara)
- **Deskrizzjoni:** Krema li tiċċara l-ġilda u li tiġi f'kontenitur abjad, b'għatu li jingħalaq bil-kamin.
- **Pajjiżi tal-oriġini:** Il-Kosta tal-Ivorju
- **Periklu**: Kimiku

Il-prodott fih riskju kimiku għax jinkludi l-ingredjent *hydroquinone*, li huwa pprojbit fil-kożmetiċi u fil-prodotti ta' iġjene personali.







- **Kategorija:** Ġugarelli
- **Prodott:** Logħba ta' taħbil il-moħħ
- **Marka:** Think and Link
- **Isem:** Barbie Alphabet 3 in 1
- **Deskrizzjoni:** L-ippakkjar huwa tal-kartun. Il-prodott jinkludi mappa, logħba li taqbel magħha, damma, u dadi oħrajn biex tgħodd.
- **Pajjiż tal-oriġini:** L-Indja
- **Periklu**: Tista' tifga

Il-prodott fih partijiet żgħar li jistgħu faċilment jitpoġġew fil-ħalq u jinbelgħu mit-tfal iż-żgħar, li jistgħu jifgaw. Il-prodott mhuwiex konformi mar-regolamenti tad-Direttiva Ġugarelli Mingħajr Periklu u mal-Istandard Ewropew relevanti EN 71-1.



## Fejn tista' tagħmel l-ilment tiegħek f'Għawdex

**Ministeru għal Għawdex,**
**Pjazza San Franġisk, Rabat**

**8007 4400**

fair.trading@mccaa.org.mt

# Gwida fuq kif isir ilment

## X'għandu jagħmel il-konsumatur meta jiltaqa' ma' problema?

*Odette Vella*
*Uffiċjal Għoli tal-Informazzjoni*
*Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur*
*MCCAA*



L-informazzjoni hija l-bażi għal ilment effettiv. Meta konsumatur jiffaċċja problema għandu l-ewwel jaċċerta jekk l-ilment li għandu huwiex legalment ġustifikat jew le. Il-konsumatur għandu wkoll jinforma ruħu fuq it-tip ta' rimedju li għandu dritt jitlob. Meta l-konsumaturi ma jkunux jafu kif għandhom iġibu ruħhom mal-bejjiegħ għandhom iċemplu fuq 2395 2000 jew 8007 4400 biex jingħataw l-assistenza li jkollhom bżonn.

### Ilment mal-bejjiegħ

Meta tinqala’ problema, il-konsumatur għandu l-ewwel jitkellem mal-bejjiegħ - mingħand min xtara l-oġġett jew ma’ min ipprovdih bis-servizz. Il-konsumatur għandu jispjega b’mod ċar x’inhi l-problema u x’tip ta’ soluzzjoni qiegħed jistenna.

Il-mod kif il-konsumatur jikkomunika mal-bejjiegħ huwa importanti ħafna. Waqt li l-konsumatur għandu jkun assertiv u determinat li jieħu dak li għandu dritt għalih, fl-istess waqt m’għandu qatt ikun aggressiv miegħu.

### Il-prova tax-xiri

Meta jagħmlu lment mal-bejjiegħ, il-konsumaturi għandhom jippreżentaw il-prova tax-xiri. Għandhom jippreżentaw ukoll id-dokumenti relatati, bħall-kuntratt tax-xiri u l-garanzija kummerċjali, meta applikabbli.

### Ilment bil-miktub

Meta l-konsumatur ma jirnexxilux jasal għal ftehim bil-kelma, imbagħad ikun hemm bżonn li jagħmel ilment bil-kitba.

Il-konsumaturi għandhom jibagħtu ittra bl-ilment, bil-posta reġistrata, fi żmien xahrejn minn meta jindunaw li kien hemm problema fl-oġġett mixtri. Huwa importanti li l-konsumaturi jżommu kopja tal-ittra.

Jekk il-konsumatur ma jirċevix risposta jew ma jiġix offrut soluzzjoni aċċettabbli mill-bejjiegħ, il-pass li jmiss ikun li jirreġistra lment mad-Direttorat tal-Ilmenti u tar-Rikonċiljazzjoni fi ħdan l-Awtorità ta’ Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA).

### Kif isir ilment mal-MCCAA

Il-konsumaturi jistgħu jirreġistraw ilment billi:

- imorru l-uffiċċju tad-Direttorat tal-Ilmenti u tar-Rikonċiljazzjoni f’‘Mizzi House’, Triq Nazzjonali, il-Blata l-Bajda, jew imorru l-uffiċċju tal-Belt li jinsab 47A, Triq Nofsinhar. Il-konsumaturi għandhom jieħdu magħhom id-dokumenti kollha li għandhom, bħall-irċevuti, il-garanziji u l-kuntratti tax-xiri, jew;
- jiktbu ittra indirizzata lid-Direttur, Id-Direttorat tal-Ilmenti u r-Rikonċiljazzjoni, jew;
- jimlew il-formola tal-ilmenti u jibagħtuha fuq *fair.trading@mccaa.org.mt* jew;
- jiktbu fl-indirizz *fair.trading@mccaa.org.mt*.

Meta l-konsumaturi jirreġistraw l-ilment tagħhom b’ittra elettronika jew stampata, importanti li jinkludu d-dettalji kollha tal-każ u li jibagħtu kopja tad-dokumenti marbuta max-xiri. Il-konsumaturi għandhom jinkludu wkoll in-numru tal-karta tal-identità tagħhom, l-indirizz u numru tat-telefown fejn jistgħu jiġu kkuntattjati. Fl-istess ittra għandhom jagħmlu wkoll stqarrija biex jagħtu permess lill-MCCAA ħalli tkun tista’ tagħti d-dettalji personali tagħhom lill-bejjiegħ involut jekk ikun meħtieġ, skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

### L-evalwazzjoni tal-ilment

Malli jiġi rreġistrat ilment tal-konsumatur mal-Awtorità, dan jiġi evalwat jekk hux legalment ġustifikat u jekk jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-istess Awtorità (MCCAA).

Jekk l-ilment ikun ġustifikat, jiġi appuntat uffiċjal biex jaħdem fuqu.

### Il-proċess ta’ medjazzjoni

Waqt il-proċess ta’ medjazzjoni l-uffiċjal li jkun qed jaħdem fuq il-każ jikkuntattja lill-bejjiegħ u jinfurmah bl-obbligi legali tiegħu. L-għan ewlieni tal-medjazzjoni hu li l-ilment ikun solvut amikevolment u r-rwol tal-uffiċjal li jaħdem fuq l-ilment huwa limitat għall-medjazzjoni. Ir-riżultat ta’ dan il-proċess ħafna drabi jiddependi mill-volontà tajba tal-partijiet involuti.

L-uffiċjal tal-Awtorità jżomm lill-konsumatur infurmat bl-iżviluppi li jkunu qed isiru waqt il-proċess tar-rikonċiljazzjoni.

### Meta ma jintlaħaqx ftehim amikevoli

Meta l-medjazzjoni ma tirnexxix, il-konsumatur għandu l-għażla:

- li jressaq l-ilment quddiem it-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumaturi; jew
- li jirtira l-ilment.

Jekk il-konsumatur jiddeċiedi li jkompli bil-każ permezz tat-Tribunal, jintalab jimla l-Avviż tat-Talba, u jibagħtu lit-Tribunal li jinsab f’47A, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta, flimkien mal-ħlas għar-reġistrazzjoni tal-każ.

***Malli jiġi rreġistrat ilment tal-konsumatur mal-Awtorità, dan jiġi evalwat jekk hux legalment ġustifikat u jekk jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-istess Awtorità (MCCAA).***



# Libsa li tqattgħet fil-proċess tad-*dry cleaning*

*Dr Melanie Vella*
*Direttur tal-Ilmenti u l-Konċiljazzjoni,*
*Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur,*
*MCCAA*

## Il-każ

Konsumatriċi xtrat libsa tal-okkażjoni u wara li libsitha darba refgħetha, sakemm reġa' kellha bżonnha xi tliet snin wara. Qabel ma reġgħet libsitha ħaditha għand negozjant biex inaddafhielha bil-proċess tad-*dry cleaning*. Għamlithielu ċara li l-libsa kienet fina ħafna u li jekk ikollu xi dubju fuq jistax inaddafha jew le, javżaha minn qabel. Imma wara li ġabret il-libsa, il-konsumatriċi ndunat li kienet imqattgħa u rrovinata.



## X'passi ħadet il-konsumatriċi biex issolvi dan il-każ?

Il-konsumatriċi ppruvat tilħaq qbil man-negozjant biex jirranġalha l-libsa jew jagħtiha l-flus li kienet ħallset meta xtratha. In-negozjant, però, irrifjuta li jaċċetta r-responsabbiltà ta' dak li kien ġara u sostna li l-libsa kienet imtebbgħa ħafna u kull ma taha kien prodott ta' *delicate wash.* Qalilha li billi l-libsa kienet imqattgħa biss minn taħt l-idejn, dan kien ġara bit-tħakkik ta' taħt l-idejn u għax ma kinitx imqabbda sew il-ħjata.

Kien għalhekk li l-konsumatriċi rrikorriet għall-għajnuna u l-pariri tad-Direttorat tal-Ilmenti u l-Konċiljazzjoni, fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

L-uffiċjal inkarigat eżamina l-każ u, wara li ġie rreġistrat l-ilment, bdiet il-medjazzjoni man-negozjant bl-iskop li jintlaħaq ftehim xieraq. In-negozjant offra li jagħti lill-konsumatriċi l-ammont ta' ħamsin ewro (€50), offerta li ma ġietx aċċettata għax il-libsa kienet tiswa ferm aktar. Billi f'dan il-każ il-medjazzjoni ma wasslitx għall-ftehim mixtieq, il-konsumatriċi għażlet li tressaq il-każ tagħha quddiem it-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumaturi.

## X'iddeċieda t-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumaturi?

Kemm in-negozjant kif ukoll il-konsumatriċi dehru quddiem it-Tribunal u taw il-verżjoni tagħhom

ta' dak li kien ġara. Il-konsumatriċi rreferiet għall-fatt li n-negozjant kien biddel il-verżjoni tiegħu. Oriġinarjament kien qal li l-libsa kienet saritilha l-ħsara b'effett ta' *wear and tear*, u wara allega li l-libsa hi difettuża. Il-konsumatriċi ppreżentat rendikont tal-bank li juri li l-libsa kienet xtratha ħames mitt ewro (€500) u għalhekk qed titlob li n-negozjant jagħtiha dik is-somma.

Xehed ukoll in-negozjant mingħand min il-konsumatriċi kienet xtrat il-libsa, li rrefera għall-fatt li l-libsa magħmula minn materjal tal-ħarir. Xehed li kwalunkwe sustanza li tiddepożita ruħha fuq il-ħarir ikollha konsegwenza. Dan ifisser ukoll li min jieħu ħsieb id-*dry cleaning* ta' dan il-materjal irid joqgħod ferm attent għax m'għandux l-istess reżistenza daqs materjal sintetiku. Ikkonferma li, bla dubju, il-libsa kienet meħjuta skont is-sengħa u l-arti.

In-negozjant, min-naħa tiegħu, xehed li l-libsa ġratilha l-ħsara għax ma tnaddfitx immedjatament wara li kienet intlibset u minħabba l-azzjoni tal-batterja tal-għaraq fuq il-ħarir.

It-Tribunal ikkunsidra l-fatti u x-xhieda li ngħatat u kkonsidra li:

- Hemm nuqqas ta' kredibbiltà min-naħa tan-negozjant billi dan ta verżjonijiet konfliġġenti;
- Fuq il-prinċipju li min jallega għandu jipprova, ma nġiebet l-ebda prova min-negozjant li l-ħsara li ġarrbet il-libsa kienet kawża ta' difett fil-libsa stess;
- Hekk skont il-provi prodotti, mhux talli l-verżjoni tan-negozjant mhix kredibbli, talli jirriżulta biċ-ċar li n-negozjant naqas fis-servizzi tiegħu lejn il-konsumatriċi.

Għalhekk, it-Tribunal laqa' t-talba tal-konsumatriċi u, fid-dawl li l-libsa għandha madwar tliet snin, ordna lin-negozjant iħallas is-somma ta' tliet mitt ewro (€300) lill-konsumatriċi, bl-ispejjeż tal-kawża kontra n-negozjant.

## Punti importanti għall-konsumatur meta jħallas għal servizz ta' *dry cleaning*

- Meta konsumatur jieħu oġġett għad-*dry cleaning* għandu jiċċekkjah mar-rappreżentant tal-kumpanija u jispjega x'tip ta' tindif qed jistenna.
- Meta jkun hemm riskju li l-proċess tad-*dry cleaning* jista' jagħmel ħsara lill-materjal, il-konsumatur għand jkun infurmat b'mod ċar b'dan ir-riskju qabel ma jsir id-*dry cleaning*.
- Min qed jagħmel id-*dry cleaning* għandu jagħmel it-tindif skont is-sengħa u jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex tiġi evitata li ssir ħsara lill-oġġetti li qed jitnaddfu.
- F'każ li l-oġġett jiġi rovinat bit-tindif, in-negozjant għandu l-obbligu li jagħti rimedju adegwat lill-konsumatur.
- Il-konsumatur għandu r-responsabbiltà li hekk kif jiġbor oġġett lura mid-*dry cleaning* dan jiċċekkjah sew u f'każ ta' problema jinforma lin-negozjant immedjatament.
- Meta oġġett ma jitnaddafx kif suppost jew kif imwiegħed, il-konsumatur għandu dritt li jew jerġa' jitlob li jsir it-tindif mingħajr ħlas addizzjonali jew li jingħata lura l-flus li ħallas għat-tindif.
- F'każ li l-oġġett li jintbagħat għad-*dry cleaning* jintilef mill-kumpanija, din għandha l-obbligu li tagħti rimedju adegwat lill-konsumatur.
- Meta tinqala' problema l-konsumatur għandu jilmenta immedjatament man-negozjant u jekk ma jintlaħaqx ftehim xieraq jiftaħ ilment mal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur.





*Dr Charmaine Gauci MD, MSc, PhD, FRSPH, FFPH*
*Direttur, id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard*

# Id-Dieta Mediterranja

Id-dieta Mediterranja hija waħda mill-aħjar forom ta' dieti u meta magħha nagħmlu wkoll eżerċizzju regolari jkollna l-aħjar stil ta' ħajja għal saħħitna. Għal dieta Mediterranja tajba trid tenfasizza fuq dawn il-punti:

- Ibbaża l-maġġoranza tal-ikel fuq il-ħaxix u l-frott, il-ħobż, il-legumi (piżelli, għads u ful), il-patata, il-ġewż u ż-żrieragħ. Agħżel ħaxix b'varjetà ta' kuluri biex tikseb firxa ta' antiossidanti u vitamini;
- Ħu, ta' kuljum, ammont moderat ta' ħalib u prodotti tal-ħalib b'xaħam baxx, bħal *yoghurts* u ġobnijiet;
- Il-konsum tal-laħam aħmar għandu jkun limitat. Minflok kul it-tjur u l-ħut biex tnaqqas ix-xaħam saturat. Il-ħut xaħmi, bħas-salamun u t-tonn, joffrilna għażla sustanzjuża għax fih l-Omega-3s li huma tip ta' xaħam mhux saturat. Hemm evidenza li dan it-tip ta' ħut itejjeb is-saħħa tal-qalb;
- Kul varjetà ta' frott bħala *snack* jew deżerta, u ħalli d-deżerti b'ħafna xaħam u zokkor għal okkażjonijiet speċjali, f'ammonti limitati;
- Iż-żejt taż-żebbuġa huwa parti essenzjali mid-dieta Mediterranja u għandu jkun it-tip predominanti ta' xaħam li jintuża minflok tipi oħrajn ta' xaħmijiet u żjut (eż. butir jew marġerina) għat-tisjir. Jista' jintuża wkoll bil-moderazzjoni għat-taħwir tal-insalati jew bħala kondiment għall-ħxejjex, it-tjur u l-ħut;
- Ixrob l-ilma u evita xarbiet biz-zokkor;
- Bejn l-ikliet ħu l-frott, frott imnixxef jew lewż mingħajr melħ, minflok kejkijiet, *crisps* u gallettini;
- L-attività fiżika regolari hija wkoll parti mill-istil tal-ħajja Mediterranja. Tajjeb li din issir f'ammonti li jgħinu, ħalli jinżamm piż tajjeb u nħossuna dejjem aktar f'saħħitna.

Saru ħafna riċerki fuq nies li jkunu segwew id-dieta Mediterranja. Minnhom ħareġ li hemm diversi benefiċċji għas-saħħa. Dawn jinkludu:

- Ħajja itwal - jitnaqqas iċ-ċans ta' mewt qabel iż-żmien, l-aktar minħabba li jonqos ir-riskju li jiżviluppa mard tal-qalb li jista' jkun il-kaġun ta' mewt jew kanċer;
- Tnaqqis fiċ-ċans ta' żvilupp ta' dijabete tat-Tip 2, pressjoni għolja tad-demm, jew kolesterol għoli fid-demm. Dawn huma kollha fatturi ta' riskju assoċjati mal-mard tal-qalb, il-mard vaskulari u ma' kumplikazzjonijiet serji oħrajn;
- Tnaqqis fiċ-ċans ta' ħxuna żejda. Id-dieta Mediterranja tifforma l-bażi ta' tnaqqis fil-piż b'mod bilanċjat;
- Tnaqqis fir-riskju ta' mard tal-Parkinson u l-Alzheimer.

L-aktar ħaġa importanti li wieħed għandu jiftakar f'dawn id-dieti sustanzjużi huwa l-bilanċ b'varjetà ta' ikel f'porzjonijiet xierqa. Tajjeb kemm hu tajjeb ċertu ikel għas-saħħa, iż-żejjed huwa xorta waħda ħażin, u għalhekk dejjem aħjar li tiekol ħames ikliet kuljum, li jinkludu l-kolazzjon, l-ikla ta' nofsinhar u ta' filgħaxija, u s-*snacks* ta' bejniethom.

Għall-pariri u informazzjoni oħra ċempel lid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard fuq 2326 6000 jew ikteb fl-indirizz: health.pro@gov.mt.

# Ir-reġistrazzjoni tal-lifts



### Liema huma dawk il-lifts li jaqgħu taħt ir-Regolamenti għall-Ispezzjonijiet tal-Lifts?

Ir-Regolamenti jinkludu l-lifts "**eżistenti**", jiġifieri dawk li tqiegħdu għas-servizz **qabel** l-1 ta' Lulju 2002 u l-lifts "**ġodda**", jiġifieri li bdew jaħdmu **wara** l-1 ta' Lulju 2002.

### Fejn tista' ssib dawn il-lifts u min hu responsabbli minnhom?

**F'residenza**

Kull bini b'okkupant, inkluż fejn hemm aktar minn okkupant wieħed, l-okkupant/i tal-bini għandu/għandhom l-awtorità li jieħu/jieħdu azzjoni xierqa fuq kull lift li jkun hemm fir-residenza. F'bini bla okkupant, ir-responsabbiltà tinqasam, b'mod konġunt, mal-kopropjetarji kollha, inkella kull persuna jkollha l-awtorità li tieħu azzjoni xierqa fuq kwalunkwe lift li jista' jkun hemm.

**Fil-kondominju**

Jekk il-kondominju huwa ta' aktar minn tlieta min-nies, għandu jinħatar amministratur. Jekk fil-kondominju hemm aktar minn sid tal-bini wieħed, ir-responsabbiltà għandha tinqasam, b'mod konġunt, mal-kopropjetarji kollha. Kull min għandu l-awtorità jrid jieħu azzjoni xierqa fuq kwalunkwe lift li jista' jkun hemm.

**Fil-post tax-xogħol**

Hawnhekk huwa responsabbli l-prinċipal. Jekk ikun hemm aktar minn sid wieħed li jħaddem, ir-responsabbiltà tinqasam bejn is-sidien kollha.

### Kif u fejn trid tirreġistra lift?

Kull lift, kemm "**eżistenti**" kif ukoll "**ġdid**", għandu jiġi rreġistrat mad-Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi fl-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) mill-persuna responsabbli. F'każ ta' lift "**eżistenti**", ir-reġistrazzjoni ssir mill-persuna responsabbli, u f'każ ta' lift "**ġdid**" mill-installatur li jwaħħlu.

# Id-Drittijiet tal-Konsumatur

1. **Id-Dritt għall-Bżonnijiet Bażiċi**
   Li jkollu aċċess għall-affarijiet essenzjali u servizzi bażiċi, ikel adekwat, ħwejjeġ, kenn, kura medika, edukazzjoni u servizzi sanitarji.

2. **Id-Dritt għas-Sigurtà**
   Li jkun imħares minn prodotti, mezzi ta' produzzjoni u servizzi li jkunu ta' periklu għas-saħħa jew il-ħajja.

3. **Id-Dritt għall-Informazzjoni**
   Li jingħata l-informazzjoni meħtieġa biex jagħmel l-aħjar għażla, u li jkun imħares kontra reklamar u indikazzjoni tal-prezzijiet qarrieqa jew diżonesti.

4. **Id-Dritt għall-Għażla**
   Li jkun jista' jagħżel minn numru ta' prodotti u servizzi li jiġu offruti bi prezzijiet kompetittivi u ta' kwalità sodisfaċenti.

5. **Id-Dritt għar-Rappreżentanza**
   Li jkun hemm għaqdiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumatur fit-tfassil u t-twettiq tal-politika tal-Gvern, u fl-iżvilupp ta' prodotti u servizzi.

6. **Id-Dritt għall-Kumpens**
   Li jingħata kumpens xieraq għal talbiet ġusti, li jinkludi kumpens għal oġġetti u servizzi fejn il-konsumatur ikun ġie mqarraq jew mogħti kwalità inferjuri.

7. **Id-Dritt għall-Edukazzjoni tal-Konsumatur**
   Li jikseb it-tagħrif u l-ħiliet meħtieġa biex jagħmel l-aħjar għażla ta' prodotti u servizzi, filwaqt li jkun konxju mid-drittijiet u dmirijiet bażiċi tiegħu u kif għandu jaġixxi fuqhom.

8. **Id-Dritt għal Ambjent Nadif, b'Saħħtu u Sostenibbli**
   Li jgħix u jaħdem f'ambjent li ma jkunx ta' theddida għalih u għall-ġenerazzjonijiet futuri.

# IL-JUM DINJI GĦAD-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR

## 15 TA' MARZU 2015
## DIETI SUSTANZJUŻI

*Joyce Borg*
*Direttur Generali*
*Uffiċċju għal Affarijiet tal-Konsumatur*
*www.consumersinternational.org*

It-tema magħżula mill-*Consumers International* għal din is-sena hija 'Healthy Diets'. Il-piż żejjed u l-obeżità, il-pressjoni għolja, iz-zokkor u l-kolesterol għoli fid-demm huma erbgħa minn għaxar kawżi ta' mwiet fid-dinja. Għalhekk, wasal iż-żmien li naraw x'jista' jsir biex ma nibqgħux inħallsu prezz għoli għal dieta ħażina.

Iż-żieda fil-mard li għandu x'jaqsam mal-obeżità, id-dijabete, il-mard tal-qalb u ċerti tipi ta' kanċer tirrappreżenta kriżi fis-saħħa pubblika fuq livell internazzjonali. In-numru ta' nies b'piż żejjed qed ikompli jiżdied u s'issa l-ebda pajjiż ma rnexxielu jnaqqas din iż-żieda.

Iridu jkunu l-konsumaturi stess li jsolvu din il-problema, iżda dan mhuwiex faċli! Fis-suq jiġi pprovdut ikel li mhuwiex tajjeb għas-saħħa. Barra minn hekk, l-influwenza tar-reklamar ta' dan l-ikel minn kumpaniji kbar u internazzjonali u n-nuqqas ta' tagħrif disponibbli, jagħmilha diffiċli għall-konsumaturi biex jagħmlu l-aħjar għażla għal saħħithom.

F'Mejju 2014, waqt l-Assemblea tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), il-*Consumers International* għamlet sejħa biex issir konvenzjoni dinjija fuq dieta sana u ġew ippubblikati numru ta' rakkomandazzjonijiet ħalli jiġu kkunsidrati mill-membri ta' din l-għaqda.

Fihom wieħed isib dawn il-miżuri għall-ħarsien u l-promozzjoni ta' dieta tajba:

- Edukazzjoni, ħiliet, komunikazzjoni u tagħrif għall-pubbliku;
- Tagħrif fuq in-nutrizzjoni;
- Reklamar responsabbli dwar l-ikel u x-xorb;
- Kontroll tar-reklami, il-promozzjonijiet u l-*isponsors*;
- Titjib fil-kwalità tal-ikel u tnaqqis fil-livell ta' nutrijenti li jagħmlu l-ħsara;
- Standards ta' nutrijenti fis-servizzi tal-ikel fl-iskejjel, l-isptarijiet u fl-istituzzjonijiet pubbliċi.

Għalhekk, din is-sena l-attivitajiet tal-Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Konsumatur se jiffukaw fuq is-sejħa li saret mill-WHO għal Konvenzjoni Internazzjonali li Tħares u Tippromwovi Dieti Tajbin. Fiha se jkun qed jintuża l-istess mekkaniżmu tal-Konvenzjoni ta' Qafas għall-Kontroll tat-Tabakk *(Framework Convention on Tobacco Control)* li kkontribwixxa għat-tnaqqis fl-imwiet u l-mard ikkaġunat mit-tipjip.



# Ix-xiri bl-internet

*Dr Phyllis Bezzina*
*Kap taċ-Ċentru tal-Konsumatur Ewropew f'Malta*



L-użu tal-internet għax-xiri huwa konvenjenti ħafna, jiffrankalek il-ħin, u joffri għażla wiesgħa ta' prodotti u servizzi. Ix-xerrejja elettroniċi ta' madwar l-Unjoni Ewropea jgawdu minn firxa ta' drittijiet li joħorġu minn leġiżlazzjoni tal-UE. Dawn ir-regoli ma japplikawx biss għax-xiri bl-internet, imma jkopru wkoll metodi ta' xiri mill-bogħod.

### Dritt li tħassar il-bejgħ

Meta tixtri mill-internet għandek dritt għal perjodu ta' 14-il ġurnata li matulu tista' tirtira mill-kuntratt tal-bejgħ u tirritorna l-prodott lill-bejjiegħ. F'dan il-perjodu l-konsumatur mhuwiex obbligat li jagħti raġuni lill-bejjiegħ, għalkemm jista' jagħti l-każ li l-konsumatur ikollu jbati l-ispejjeż tal-posta.

Madankollu, f'ċerti każi bħal oġġetti personalizzati, riservazzjonijiet ta' lukanda, u biljetti tal-ajru, dan id-dritt ma japplikax.

### Dritt għal informazzjoni ċara u korretta

Il-bejjiegħa ta' fuq l-internet għandhom l-obbligu li jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar il-prodott jew is-servizz tagħhom, il-prezz totali bl-ispejjeż tal-pustaġġ, u tagħrif ieħor dwar il-ħlas u s-servizzi ta' wara l-bejgħ *(after sales services)*. Fis-sit għandu jkun hemm id-dettalji kollha – l-indirizz postali, l-isem tal-kumpanija u n-numru tat-telefown - mhux l-indirizz elettroniku biss.

### Dritt li tingħata l-flus lura meta ma jkunx hemm konsenja fil-ħin tal-prodott

Il-kummerċjant hu obbligat li jwassal il-prodott fi 30 jum, sakemm ma jkunx hemm ftehim ieħor. Jekk jonqos milli jwassal l-oġġett fi żmien miftiehem, il-konsumatur huwa intitolat li jħassar il-kuntratt. Madankollu, il-konsumatur jista' jħassar il-kuntratt wara l-perjodu ta' 30 jum jekk il-konsenja tal-oġġetti tkun meħtieġa matul dak il-perjodu jew sa data speċifika.

## Dritt għal rimedju

Jekk tixtri xi oġġett mill-internet u ssibu difettuż jew mhux kif kien irreklamat, għandek l-istess drittijiet legali bħal meta tixtri l-oġġett mill-ħanut. Il-kummerċjant jista' l-ewwel joffri li jsewwi jew li jibdel il-prodott. Jekk dan ma jkunx possibbli, il-konsumatur jista' jfittex li jħassar il-kuntratt u jitlob rifużjoni sħiħa. Il-kummerċjant jibqa' responsabbli lejn il-konsumatur għal kwalunkwe difett evidenti fi żmien sentejn mid-data tax-xiri. Madankollu, jekk id-difett joħroġ wara li jkun għadda l-perjodu inizjali ta' sitt xhur, il-konsumatur jista' jintalab jagħti l-provi li d-difett ma kienx ikkawżat mill-użu ħażin tal-prodott.

## Kif tixtri mill-internet b'moħħok mistrieħ

- **Ara li tkun taf ma' min qed tikkomunika**. Nagħtuk parir biex ma tixtrix mingħand bejjiegħa li jirrifjutaw li jagħtu d-dettalji tagħhom, bħall-indirizz postali u n-numru tat-telefown.
- **Ixtri minn sit sigur.** Idealment, l-indirizz tas-sit għandu jibda bl-https:// mhux bl-http://
- L-ittra "s" tindika "*secure*". Dan ifisser li waqt li tkun qed iddaħħal id-dettalji personali l-ebda persuna, mhux awtorizzata minnek, ma jkollha **aċċess għad-dettalji tiegħek**.
- **Fittex is-simbolu żgħir tal-katnazz** fuq l-iskrin jew permezz ta' messaġġ li jurik li qed tidħol f'sit sigur. Agħfas fuq il-katnazz biex tara d-dettalji tas-sigurtà tas-sit.
- Agħżel siti li joffru l-**possibbiltà ta' għażliet differenti ta' ħlas**, bħall-PayPal u l-ħlas bil-kard tal-kreditu, u mhux biss permezz ta' trasferiment bankarju. It-trasferimenti bankarji u forom oħrajn ta' trasferimenti ta' flus jillimitawlek iċ-ċans li tieħu flusek lura. Min-naħa l-oħra, il-ħlas bil-kard joffri protezzjoni ikbar minn metodi oħrajn f'każi ta' frodi u jekk il-prodott ma jasalx. Il-bejjiegħa elettroniċi jitolbu l-kodiċi tas-CVV li ssib fuq wara tal-kard. B'hekk jiġi evitat li xi ħadd li jkun irnexxielu jikseb id-dettalji personali tiegħek (bħal ismek, in-numru tal-kard u d-data ta' skadenza tagħha) ikun jista' jixtri bil-kard tiegħek.
- Qatt tagħti d-dettalji tal-kard ta' kreditu tiegħek f'ittra elettronika.
- Oqgħod attent minn siti li ma jaċċettawx il-kards, u li minflok jinsistu fuq it-trasferimenti tal-flus. Din tista' tkun indikazzjoni ta' frodi.

L-ECC Net joffri informazzjoni u għajnuna lill-konsumaturi fuq l-attivitajiet tagħhom fis-suq Ewropew. Il-konsumaturi jistgħu jirrikorru għand l-ECC biex iressqu lment dwar prodott mixtri jew dwar servizz, li ma ngħatax kif kien mistenni, minn negozju bbażat fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. L-għan aħħari tal-ECC hu li jgħin lill-konsumaturi jilħqu soluzzjoni amikevoli mal-kummerċjant.



*Jekk tixtri xi oġġett mill-internet u ssibu difettuż jew mhux kif kien irreklamat, għandek l-istess drittijiet legali bħal meta tixtri l-oġġett mill-ħanut*



# Il-Kamra tal-Periti

*Il-Perit Christopher Mintoff*
*President tal-Kamra tal-Periti*

### X'inhu meħtieġ biex wieħed isir perit?

Qabelxejn, irid jiggradwa minn kors imfassal apposta mill-Università. Wara sena prattika taħt il-ħarsien ta' perit stabbilit ieħor, il-gradwat ikun jista' japplika biex jidher quddiem il-Bord tal-*Warrants*. Dan il-Bord qiegħed hemm biex jara l-kapaċità tal-persuna u jekk din hix lesta tingħata r-responsabbiltà ta' *warrant* ta' perit.

### X'inhi l-funzjoni tal-Kamra tal-Periti?

Il-Kamra tal-Periti ilha mwaqqfa mill-1920. Il-missjoni tagħha hi li tassisti lill-professjonisti tagħha f'xogħolhom, bil-għan li tgħolli l-kwalità tal-prodott tagħhom, fl-interess tal-komunità kollha. Fil-professjoni tagħna nemmnu li, filwaqt li nieħdu ħsieb il-perit, nagħmlu dan dejjem b'mod li jkun ta' benefiċċju għall-ambjent mibni u l-pubbliku. Dan iseħħ b'linji gwida u b'korsijiet fuq suġġetti ġodda. Nistiednu esperti barranin u magħrufin biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u metodi ġodda u differenti. Il-Kamra hija wkoll il-leħen tal-professjoni u titkellem mal-gvernijiet u l-awtoritajiet biex tgħaddi l-opinjoni tal-periti fil-professjoni.

### Fil-qosor, x'jgħid il-kodiċi ta' etika ta' din il-professjoni?

Il-kodiċi ta' etika jistipula regoli ċari fuq kif perit għandu jaġixxi mal-klijenti tiegħu u ma' periti oħrajn. Il-perit ma jistax jattakka l-integrità ta' perit ieħor jew iżommu milli jagħmel xogħlu. Barra minn hekk, kull perit huwa obbligat li jagħmel ċertu livell ta' xogħol biex ikun jista' jitħallas dak li ħaqqu.

### X'jiġri meta perit jinstab li mhux jimxi mal-kodiċi?

Meta perit ma jimxix mal-kodiċi jista' jiġi rrappurtat lill-Kamra tal-Periti. Din tisma' l-każ ta' kontrih u tiddeċiedi x'passi ħa tieħu. Dan hu proċess iebes, speċjalment f'komunità żgħira bħal Malta, fejn il-periti jsibu ruħhom jiġġudikaw kollega tagħhom stess.

Ġeneralment nagħmlu l-almu tagħna biex id-diżgwid jissolva bil-kelma t-tajba. Iżda meta jinstab li n-nuqqas tal-perit huwa serju, jitneħħielu l-*warrant* u ma jkunx jista' jkompli l-prattika ta' perit.

### X'parir tagħti lil min ikun se jibni l-ewwel dar tiegħu, speċjalment liż-żgħażagħ?

Il-koppji żgħar għandhom żewġ modi ewlenin kif ikollhom dar - jew jixtru l-lest jew jibnu mill-ġdid. Perit tajjeb ikun kapaċi jittraduċi dawn il-bżonnijiet fi pjanta li tilqa' l-ħtiġijiet kemm kurrenti kif ukoll futuri tal-klijenti tagħhom.

Sitwazzjoni komuni oħra għall-klijenti żgħażagħ hi li jixtru binja lesta. F'dan il-każ, il-koppja importanti li tfittex l-għajnuna ta' perit li tafda. Hawn ħafna bini ta' kwalità baxxa fis-suq u hemm ħafna nies li lesti jieħdu vantaġġ minn klijenti ġodda. Iż-żgħażagħ li beħsiebhom jixtru, għandhom ikunu kawti, jaħsbu fil-futur tagħhom u ma jħallux lil min jgħaġġilhom biex jixtru.

Fix-xogħol tagħha l-Kamra tal-Periti bħalissa qed taħdem fuq reviżjoni kbira tal-Att tal-Periti – il-liġi li tirregola l-professjoni tagħna, u fuq sistema ta' kumitati għall-evalwazzjoni tad-disinn *(design review panels)* bl-għan li jtejbu l-kwalità ta' proġetti partikolari.

Dan minbarra l-korsijiet u l-preżentazzjonijiet li tagħmel il-Kamra regolarment biex iżżomm lill-membri tagħha attivi u aġġornati. Il-perizja hi professjoni li dejjem trid taddattaha għaż-żmien, u tkun lest li fiha tikber u titgħallem.





*Odette Vella*
*Uffiċjal Għoli tal-Informazzjoni*
*L-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur*
*MCCAA*

# Garanzija kummerċjali

Meta nixtru xi oġġetti, ngħidu aħna xi apparat elettroniku jew li jaħdem bl-elettriku, bħal xi kompjuter jew magna tal-ħasil, ħafna drabi tal-ħanut joffrilna garanzija kummerċjali mal-prodott li nkunu se nixtru. Meta ningħataw din it-tip ta' garanzija ma jkollniex biss il-liġi tipproteġina, imma wkoll il-garanzija tal-bejjiegħ.

Il-garanzija kummerċjali għandha tingħatalna bil-miktub u trid tkun miktuba bil-Malti jew bl-Ingliż. Fuq il-garanzija għandu jkun hemm imniżżel ukoll id-dettalji ta' min qed jagħti l-garanzija, għal kemm żmien qed tingħata, xi tkopri u ma tkoprix, u x'se jagħmel il-bejjiegħ jekk tinqala' problema bil-prodott mixtri.

Din il-garanzija ma tistax tnaqqas id-drittijiet li tagħti l-liġi lill-konsumatur meta jkollu problema bil-prodott mixtri, imma tista' biss iżżid ma' dawn id-drittijiet.

Meta oġġett ikun qed jissewwa bil-garanzija, iż-żmien sakemm inkunu mingħajr l-oġġett irid jiżdied mal-garanzija. Min-naħa l-oħra, meta l-oġġett jinbidel fil-perjodu tal-garanzija, din ma terġax tibda mill-bidu, imma tkompli tgħodd l-ewwel garanzija.

Tajjeb inkunu nafu wkoll li meta bejjiegħ jirreklama garanzija, din trid tingħata anke jekk ma tkunx imsemmija fil-kuntratt tax-xiri.

## PAĠNA GĦAT-TFAL

# Tisliba




**MIMDUDIN**

4. Dik li tagħtina l-liġi u li fuq ċertu prodotti jagħtina wkoll tal-ħanut
6. Jekk prodott ma jkunx jista' jissewwa, irid ...
8. Il-post fejn immorru biex nixtru
9. Biex tispiċċa, l-ewwel trid tagħmel hekk
10. Dan isir mill-konsumatur meta jakkwista prodott jew servizz
11. L-oppost ta' 'iżżid'

**WEQFIN**

1. Kelma oħra minflok oġġett
2. Din kulħadd irid jimxi magħha
3. Dan isir biex tippromwovi prodott jew servizz
5. Dan jista' jsir bil-miktub jew bil-fomm
7. L-oppost ta' 'tnaqqas'




# Kompetizzjoni

**Imlew it-tisliba u ibagħtuhielna**
**sa nhar l-Erbgħa, 15 ta' April 2015 f'dan l-indirizz:**
**L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur**
**Mizzi House, Triq Nazzjonali, Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010.**
**Ir-rebbieħ jingħata rigal ta' kotba fil-Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Konsumatur.**

# L-effetti tal-bexx
## fuq is-saħħa tal-bniedem

*Joanne Borg Galea*
*Senior Scientist,*
*Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi,*
*MCCAA*

Il-bexx hu bżonnjuż ħafna fis-settur tal-agrikultura, speċjalment fi klima bħal ta' Malta. Madankollu, irridu nżommu f'moħħna li dawn il-prodotti huma kimiċi perikolużi u li l-immaniġġjar ħażin tagħhom jista' jkun ta' detriment għas-saħħa tal-bniedem.

Is-sustanzi tal-bexx jista' jkollhom effetti differenti fuq saħħet il-bniedem, skont it-tipi differenti ta' kimika li jkun fihom. L-effetti jistgħu jkunu akuti, jiġifieri b'sintomi għal żmien qasir, bħal irritazzjoni fil-ġilda, jew kroniċi, jiġifieri li l-effett tagħhom jidher wara ħafna snin b'riżultat ta' akkumulu tal-kimika fil-ġisem tal-bniedem, bħal problemi fis-sistema riproduttiva.

Qabel ma l-prodotti jitpoġġew fis-suq, l-awtoritajiet jassiguraw li r-riċerki kollha li jkunu saru fuqhom ikunu juru li l-effetti tagħhom fuq il-bniedem jistgħu jiġu kkontrollati b'miżuri ta' mitigazzjoni, pereżempju b'tagħmir għall-protezzjoni personali. L-informazzjoni dwar il-miżuri bżonjużi għall-ħarsien ta' saħħet il-bniedem għandek issibha kollha fuq it-tikketta tal-prodott.

Il-bexx li jintuża fid-djar hu wkoll ikkunsidrat bħala perikoluż. Għalhekk, importanti li l-istruzzjonijiet kollha ta' fuq it-tikketta jiġu segwiti bir-reqqa. Ngħidu aħna, ħafna drabi jkun hemm bżonn ventilazzjoni tajba fejn ikun se jiġi applikat il-prodott għax il-kimika tiegħu tista' tidħol fis-sistema tal-bniedem bin-nifs u bil-kuntatt mal-ġilda. Importanti li t-tikketta tinqara sew u li l-prodott jintuża b'mod sigur, skont l-istruzzjonijiet rakkomandati għall-benefiċċju ta' min qed jużah, għan-nies tal-madwar, u għas-saħħa tal-ambjent.

It-tfal ġieli jweġġgħu wkoll meta dawn il-prodotti jitħallew fejn jintlaħqu minnhom u mhux l-ewwel darba li ddaħħlu l-isptar għax ikunu belgħu xi bexx. Dawn ir-riskji kollha jistgħu jitnaqqsu drastikament jekk il-prodotti jitħallew f'post sigur fejn ma jintlaħqux mit-tfal.

Importanti wkoll li min ikun qed juża l-bexx ikun konxju mill-effetti li dan jista' jkollu fuq is-saħħa tal-bniedem, u li jkun jaf minn fejn iġib l-informazzjoni biex dawn l-effetti jitnaqqsu sew.

***Għal tagħrif ieħor tista' tikkuntattja lid-Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi, fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), fuq 2395 2000.***



# Il-ħidma tad-Direttorat tal-Infurzar

***Grace Stivala,***
***Direttur Infurzar,***
***Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur***
***MCCAA***

Id-Direttorat tal-Infurzar huwa wieħed mit-tliet direttorati fi ħdan l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Iż-żewġ direttorati l-oħrajn huma d-Direttorat għall-Ilmenti u l-Medjazzjoni u d-Direttorat għall-Informazzjoni, l-Edukazzjoni u r-Riċerka. Ir-responsabbiltà prinċipali tad-Direttorat hija l-infurzar pubbliku fejn jirrigwardaw prattiċi kummerċjali qarrieqa u klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur.  Minbarra dan, id-Direttorat jiżgura t-trasparenza fil-prezzijiet u l-ħarsien ta' liġijiet oħrajn relatati mal-protezzjoni tal-konsumaturi, li hu responsabbli minnhom l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

Il-liġi prinċipali li biha jaħdem id-Direttorat hija l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, li tindirizza speċifikament il-protezzjoni tal-konsumaturi. Dan l-Att għandu miegħu numru ta' leġiżlazzjonijiet sussidjarji, ewlenin fosthom ir-Regolamenti dwar il-Prezzijiet Indikati u r-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur. Regolamenti oħrajn huma relatati mad-drittijiet tal-passiġġieri, il-kreditu tal-konsumaturi, u s-self għal dar.

Id-Direttorat tal-Infurzar jagħmel spezzjonijiet biex jassigura li l-konsumaturi jkunu infurmati b'mod ċar bil-prezzijiet. Skont ir-Regolamenti dwar il-Prezzijiet Indikati, il-prezzijiet għandhom ikunu indikati  ċari, bla ambigwità u b'tali mod li jinqraw faċilment. Dawn l-ispezzjonijiet isiru fil-ħwienet u l-istabbilimenti, kif ukoll lill-bejjiegħa tal-ħaxix u tal-monti madwar il-gżejjer Maltin. Id-Direttorat qed jagħmel dawn l-ispezzjonijiet ukoll fl-aktar ċentri kummerċjali popolari mal-konsumaturi.

Isir ukoll moniteraġġ ta' magażins u rivisti li jirreklamaw il-bejgħ ta' prodotti biex jiġi assigurat li l-prezz indikat ikun il-prezz finali. Pereżempju, mhuwiex aċċettabbli li l-prezz reklamat ma jkollux il-VAT inkluża. Ir-reklami jiġu ċċekkjati wkoll għall-possibbiltà ta' xi prattiċi kummerċjali qarrieqa bħal, ngħidu aħna, meta jkun irreklamat prodott li fih il-kummerċjant jiddikjara b'mod falz li l-istess prodott hu disponibbli biss għal żmien limitat u b'hekk iġiegħel lill-konsumatur jieħu deċiżjoni immedjata.

Eżempju ieħor ta' prattiċi kummerċjali qarrieqa huma r-reklami, f'mezzi tax-xandir differenti, b'informazzjoni li ma tkunx vera, inkella mhux bl-informazzjoni kollha, bl-iskop li tiżgwida lill-konsumaturi. Min-naħa l-oħra, il-klawżoli inġusti f'kuntratti huma dawk il-klawżoli li jkunu biss favur in-negozjant, ngħidu aħna dawk li jistabbilixxu kumpens li għandu jitħallas minn konsumatur li jkun naqas li jwettaq l-obbligi tiegħu, mingħajr ma jipprovdu għal kumpens mill-kummerċjant li jkun naqas mill-istess ħaġa.

Ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur li daħlu fis-seħħ f'Ġunju tal-2014,  jiġbru fihom numru ta' drittijiet rigward l-informazzjoni li għandha tingħata lill-konsumatur meta jagħmel kuntratt ta' xiri. Dawn ir-regolamenti jagħtu wkoll lill-konsumatur id-dritt għall-irtirar mill-kuntratt tax-xiri meta dan isir mill-bogħod u/jew lil hinn mill-post tan-negozju tal-bejjiegħ. Id-Direttorat jagħmel il-moniteraġġ biex jaċċerta li dawn ir-regolamenti qed jiġu segwiti min-negozjanti.

Id-Direttorat tal-Infurzar huwa wkoll responsabbli mill-Artiklu 9(a) tal-Att dwar is-Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern. Dan l-Artiklu tal-liġi jiddetermina li dawk li jkunu se jirċievu jew li huma interessati f'xi servizz, m'għandhomx jiġu ddiskriminati minħabba ċ-ċittadinanza jew il-post tar-residenza tagħhom.

Dan id-Direttorat jiżgura li d-drittijiet tal-konsumatur huma mħarsin kull meta jkun hemm ksur tal-liġi. Fl-istess waqt, id-Direttorat jaħdem kontinwament fuq miżuri ta' infurzar li jippromwovu l-konformità volontarja u li jnaqqsu l-ħtieġa li tittieħed azzjoni amministrattiva jew proċeduri kriminali. Minkejja dan, meta jinstab li jkun hemm ksur ripetut tal-liġi jew li hemm ir-riskju ta' ħsara immedjata u serja lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi, tittieħed mill-ewwel azzjoni amministrattiva jew, saħansitra, proċeduri kriminali.

Id-Direttorat tal-Infurzar huwa responsabbli wkoll mir-Regolamenti dwar il-Koperazzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jiġu indirizzati l-problemi tal-konsumaturi fis-suq intern b'tali mod li l-awtoritajiet responsabbli mill-infurzar fl-istati membri jikkoperaw bejniethom meta negozjant li jkun ibbażat fi stat membru ikun qed jagħmel ħsara lill-konsumaturi fi stat membru ieħor. Dawn ir-regolamenti jagħtu wkoll l-opportunità li jsiru attivitajiet ta' infurzar kollettiv u proġetti kollettivi li l-għan ewlieni tagħhom hu li l-konsumaturi jkunu dejjem imħarsa.

# Il-biedja organika

## TA' BENEFIĊĊJU GĦALL-KONSUMATURI

*Uffiċċju tal-iStandards u Ċertifikazzjoni, Istitut Standards u Mertroloġija, MCCAA*

Il-biedja organika hija sistema agrikola li tara li tipprovdi lill-konsumaturi bi prodotti tajbin, friski u awtentiċi, filwaqt li tirrispetta s-sistemi taċ-ċikli naturali tal-ħajja.

Biex tilħaq dan l-għan, il-biedja organika tuża numru ta' prinċipji u linji prattiċi komuni maħsuba biex inaqqsu l-impatt uman fuq l-ambjent u biex jassiguraw li s-sistemi agrikoli joperaw b'mod effiċjenti u naturali.

Il-prattiċi tal-biedja organika li huma l-aktar komuni jinkludu:

- In-newba (rotazzjoni) tal-uċuħ tar-raba' (għelejjel) bħala rekwiżit għall-użu effikaċi tar-riżorsi tal-post;
- Limitazzjonijiet stretti ħafna fuq il-pestiċidi sintetiċi u kimiċi, fuq l-użu tal-fertilizzanti sintetiċi, l-antibijotiċi tal-bhejjem, u fuq addittivi mhux organiċi oħrajn;
- Il-projbizzjoni assoluta tal-użu ta' organiżmi modifikati ġenetikament;
- L-użu ta' prattiċi fit-trobbija tal-annimali li jkunu xierqa għall-ispeċi differenti tal-bhejjem.

Il-biedja organika hija wkoll parti minn katina ta' provvista usa' li tinkludi l-ipproċessar tal-ikel, is-setturi tad-distribuzzjoni u tal-bejgħ bl-imnut u, fl-aħħar mill-aħħar, lilek – il-konsumatur.

Għaldaqstant, meta tixtri prodott organiku tista' sserraħ rasek li l-produzzjoni tiegħu tkun saret skont regoli stretti li tfasslu biex iħarsu kemm l-ambjent, kif ukoll l-annimali.

Il-bdiewa li jużaw din it-tip ta' biedja jkunu qed jirrispettaw l-ambjent u l-annimali billi:

- Ikunu responsabbli u jużaw b'għaqal l-enerġija u r-riżorsi naturali;
- Jieħdu ħsieb il-bijodiversità, il-bilanċi ekoloġiċi reġjonali, u l-kwalità tal-ilma;
- Jippromwovu t-tisħiħ tal-fertilità tal-ħamrija u t-trobbija f'saħħitha tal-annimali;
- Jissodisfaw il-bżonnijiet varji u speċifiċi tal-annimali.

Il-proċessuri organiċi, in-negozjanti, u d-distributuri tal-ikel għandu jkollhom l-istess għanijiet bħal dawk tal-bdiewa li jużaw il-biedja organika, primarjament il-provvista ta' ikel frisk u awtentiku li jirrispetta n-natura u s-sistemi tagħha billi jkun hemm:

- Restrizzjoni stretta fuq liema addittivi mhux organiċi jistgħu jintużaw;
- Restrizzjoni stretta fuq is-sustanzi sintetiċi;
- Projbizzjoni fuq l-użu tal-organiżmi modifikati ġenetikament.

Il-konsumaturi jistgħu jagħrfu l-prodotti organiċi ġenwini billi jfittxu l-marka (*logo* organiku) tal-Unjoni Ewropea fuq il-prodotti. Tagħrif ieħor issibu mis-sit tal-Awtorità (MCCAA): **www.mccaa.org.mt/en/organic-farming**

# Il-Ftehim Esklussiv dwar Distribuzzjoni

***Dr Geraldine Spiteri***
***Direttur, Swieq Primarji, Industrijali u bl-Imnut***
***Uffiċċju għall-Kompetizzjoni,***
***MCCAA***

Il-ftehim eklussiv dwar distribuzzjoni (*exclusive distribution agreement)* huwa ftehim li jsir bejn produttur jew importatur ta' xi prodott jew prodotti partikolari u l-ħwienet li mbagħad ibiegħuhom lill-konsumaturi. Dan il-ftehim ifisser illi dak il-bejjiegħ jixtri biss il-prodotti ta' tip jew ditta partikolari mingħand dak il-produttur jew importatur biss.

Fihom infushom, dawn il-ftehim jistgħu joffru benefiċċji, bħal per eżempju termini ta' ħlas aktar komdi għax-xerrej u distribuzzjoni aħjar tal-prodotti li fl-aħħar mill-aħħar jistghu jirriżultaw f'prezzijiet orħos għall-konsumatur. Ħafna drabi, dan il-ftehim jista' jkun importanti għaliex l-intrapriżi żgħar u medji ma jkunux jifilħu jagħmlu l-investiment meħtieġ mingħajr ma jkollhom il-benefiċċju ta' l-esklussività: jiġifieri li huma biss ikunu distributuri jew aġenti ta' prodotti f'territorju partikolari u/jew li jingħataw kondizzjonijiet ta' xiri aħjar minħabba li jixtru mingħand bejjiegħ wieħed biss.

Madankollu dawn it-tipi ta' ftehim fihom ukoll l-iżvantaġġi tagħhom minħabba li jistgħu jirriżultaw f'nuqqas ta' għażla għall-konsumatur, fis-sens illi l-konsumatur ikun jista' jixtri biss il-prodotti ta' importatur jew produttur wieħed mingħand ħanut partikolari. Hekk ukoll il-produtturi jew l-importaturi ġodda jsibuha diffiċli li jidħlu fis-suq u jbiegħu l-prodotti tagħhom minħabba li l-ħanut ikun marbut li jbiegħ biss numru ta' prodotti ta' ditta partikulari.

Filwaqt li l-ftehim eklussiv dwar distribuzzjoni mhumiex illegali fihom infushom, wieħed irid jara jekk ikunux qed joħonqu il-kompetizzjoni speċjalment billi dawn jeliminaw il-kompetizzjoni bejn marki differenti ta' prodotti simili. Il-kompetizzjoni fil-kummerċ hija importanti għaliex toffri għażla lill-konsumatur bejn kwalitajiet jew ditti differenti, u tista' wkoll tfisser prezzijiet aħjar. Huwa għalhekk illi l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jeżamina dan il-ftehim bir-reqqa, b'mod partikolari kif qed jaffettwaw il-kompetizzjoni fil-kummerċ. Ftehim simili li jirriżulta li qed joħnoq il-kompetizzjoni jista' jinstab li jikser il-liġi u barra l-pieni li wieħed jista' jeħel, dak il-ftehim jiġi ddikjarat null. Għalhekk il-kummerċjant ghandu joqgħod attent u jieħu il-pariri neċessarji qabel jidħol f'xi ftehim esklussiv.

***Filwaqt li l-ftehim esklussiv tad-distribuzzjoni mhumiex illegali fihom infushom, wieħed irid jara jekk joħonqux il-kompetizzjoni***





# IT-TIKKETTAR TAL-IKEL

*Ingrid Busuttil*
*Assistent Direttur,*
*Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi,*
*MCCAA*

Fit-13 ta' Diċembru 2014 daħlet fis-seħħ leġiżlazzjoni ġdida għat-tikkettar tal-ikel. L-għan ewlieni tagħha hu li tipprovdi lill-konsumaturi bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata. Fost ir-rekwiżiti l-ġodda, ta' interess partikolari għall-konsumaturi, hemm id-daqs tat-tipa minima, id-dikjarazzjoni tal-ingredjenti li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi, u d-dikjarazzjoni obbligatorja tan-nutrizzjoni.

Problema komuni li konna nsibu fit-tikketti tal-ikel kienet id-diffikultà biex taqra l-informazzjoni minħabba t-tipa żgħira li spiss kienet tintuża biex toqgħod l-informazzjoni kollha, speċjalment għall-pakketti ż-żgħar u t-tikketti li jkollhom fuqhom lingwi differenti. Bir-rekwiżiti l-ġodda din il-problema ġiet indirizzata peress li ġie stabbilit daqs minimu għat-tipa.

Benefiċċju ieħor għall-konsumaturi huwa r-rekwiżit f'każ ta' preżenza ta' allerġeni, bħall-ġewż u l-qamħ, li jridu jissemmew fuq it-tikketta. Dawn l-ingredjenti diġà kellhom jiġu ddikjarati, iżda bil-ħtiġijiet il-ġodda l-konsumatur ħa jkun f'pożizzjoni li jidentifika iktar faċilment dawk il-prodotti li jkollhom ingredjent li hu allerġiku jew intolleranti għalih. Dan peress li dawn l-ingredjenti għandhom ikunu enfasizzati b'kulur, tipa jew bi sfond differenti. Din l-informazzjoni għandha tingħata wkoll f'postijiet fejn jiġi servut l-ikel, bħar-restoranti u l-gabbani.

Il-konsumaturi se jgawdu wkoll mid-dikjarazzjoni tan-nutrizzjoni li se ssir obbligatorja fuq il-maġġoranza tat-tikketti tal-ikel minn Diċembru 2016. Din id-dikjarazzjoni tinkludi tagħrif fuq l-enerġija, ix-xaħmijiet, ix-xaħam saturat, il-karboidrati, iz-zokkor, il-proteini u l-melħ li jkun fih il-prodott. B'din l-informazzjoni l-konsumaturi se jkunu jistgħu jqabblu aħjar il-prodotti u jagħżlu dawk li huma l-iktar addattati għalihom. B'din l-informazzjoni wieħed ikun ukoll f'pożizzjoni aħjar biex josserva iktar in-nutrijenti u l-kaloriji li jkun qiegħed jieħu.

# Numri tat-Telefown Utli għall-Konsumaturi

**L-EMERĠENZA**
**(AMBULANZA, PULIZIJA, TIFI TAN-NAR)**
**112**

| | |
|---|---|
| **2395 2000** | L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur |
| **8007 4400** | Linja bla ħlas tal-MCCAA |
| **2124 2420** | Direttorat dwar il-Metroloġija – MCCAA |
| **2149 6016** | Direttorat dwar Servizzi Laboratorji – MCCAA |
| **2122 1901** | Iċ-Ċentru Ewropew għall-Konsumaturi ta' Malta |
| **2123 9091** | L-Għaqda tal-Konsumaturi |
| **2124 6982** | L-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Konsumatur |
| **2122 7070** | It-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi |
| **2395 2000** | Tagħrif dwar il-Prezzijiet tal-Mediċini |
| **2395 2000** | Tagħrif dwar is-Sigurtà tal-Prodotti |
| **2343 9000** | L-Awtorità dwar il-Mediċini |
| **2124 7677** | L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Post tax-Xogħol (OHSA) |
| **8007 4924** | L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta |
| **2122 2203** | L-Awtorità għat-Trasport f'Malta |
| **2290 0000** | L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar |
| **2133 6840** | L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni |
| **2122 0619** | L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi |
| **2546 9000** | L-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob |
| **8007 2230** | L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta |
| **2122 1281** | L-Awtorità tax-Xandir |
| **8007 2232** | L-Awtorità tad-Djar |
| **8007 2222** | ARMS Ltd |
| **2122 2000** | Malta Public Transport |
| **2133 7333** | Id-Dipartiment għas-Saħħa Ambjentali |
| **8007 4404** | Id-Dipartiment tal-VAT |
| **2296 2296** | Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni |
| **2124 2270** | Id-Diviżjoni tal-Kummerċ |
| **2156 1622** | Gozo Channel Co Ltd |
| **2132 0202** | Inċidenti tat-traffiku (Gwardjani lokali) |
| **8007 2224** | Il-Korporazzjoni Enemalta |
| **8007 6400** | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma |
| **153** | Is-Servizz ta' Informazzjoni tal-Gvern |
| **8007 2200** | Wasteserv Malta |
| **2249 4202** | Il-Forzi Armati ta' Malta |
| **2545 0000** | L-Isptar Mater Dei |
| **2156 1600** | L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex |



## Fejn tista' tagħmel l-ilment tiegħek

**L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur**
**Mizzi House**
**Triq Nazzjonali,**
**Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010**

8007 4400
2395 2000
fair.trading@mccaa.org.mt

**Miftuħin għall-pubbliku:**

Fis-sajf 1 ta' Ġunju - 30 ta' Settembru: mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9:00 u n-12:30

Fix-xitwa 1 ta' Ottubru - 31 ta' Mejju: It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa bejn it-8:30 u n-12:30. L-Erbgħa bejn it-8:30 u l-16:00.

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Insaħħu Ħilitna għall-Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali

***Ninvestu fil-futur tiegħek***